**Name:** MaltaRightNow

**Article Title:** Proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea jsaħħaħ is-sigurtà bijometrika

**Audience**: General

**Media:** Online

**Date:** 22.OCT.2013

**URL:** http://bit.ly/1foU3EV

Temp: Temperatura:22.4°C Riħ:E 7.0 km/h Baħar:6:16 PM UV:5.0

maltarightnow.com sezzjoni: aħbarijiet lokali

aħbarijiet lokali | internazzjonali | sport | temp | servizzi

aħbarijiet

Punti ewlenin
Aħbarijiet Lokali
Internazzjonali
Arti, Divertiment u Kultura
Ekonomija
Ewropa
= Features =
Avviżi ELCOM
Għawdex
Knisja
Kunsilli Lokali
Kurżitajiet
Librerija
Parlament
Qorti
Xjenza u Teknoloġija

sport

Futbol Taljan
Futbol Ieħor
Olimpjadi 2012
Futbol Lokali
Futbol Ingliż
Sport Ieħor

In-Nazzjon



Aħbarijiet Lokali

## Proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea jsaħħaħ is-sigurta bijometrika

22 t' Ottubru, 2013 17:46 CET

SUBSCRIBE BOOKMARK



Matul is-snin, programmi tal-komputer u apparat bħal smartphones u tablets li jagħrfu l-uċuħ, l-ilħna u l-marki tas-swaba u li konna narawhom fil-films tal-fantaxjenza, issa daħlu sew fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Il-konsorzju TABULA RASA, b'investiment mill-UE għal jiżvilupp ta' riċerka u innovazzjoni, qiegħed jaħdem biex jistabbilixxi kemm dan is-software innovattiv huwa effikaċi, b'mod partikolari kontra "spoofing", l-użu ta' oġġetti ta' kuljum bħal ritratti, vuċijiet irrekordjati, u irtokk biex iqarqu jew jattakkaw sistemi ta' sigurtà biometrika.

Is-sistemi bijometriċi urew li huma fost l-aktar soluzzjonijiet ta' sigurtà effiċjenti li jeżistu. Madankollu, għad fadal xi nuqqasijiet, u li wħud minnhom ġew ukoll ippubbliċizzati fil-midja internazzjonali. Il-konsorzju Tabula Rasa huwa magħmul minn 12-il organizzazzjoni differenti minn seba' pajjiżi li, għal perjodu ta' tliet snin, ħadmu flimkien biex jidentifikaw l-akbar numru ta' nuqqasijiet possibbli u b'hekk iżviluppaw l-aħjar sistemi bijometriċi aktar siguri.

Matul il-perjodu ta' riċerka, Tabula Rasa organizzat "Spoofing Challenge", fejn riċerkaturi minn madwar id-dinja kienu mħeġġa jiżviluppaw u jwettqu attakki fuq għad ta' sistemi bijometriċi. Il-parteċipanti wrew li jeżistu ħafna modi differenti u kreattivi li jaqbżu s-sistemi tas-sigurtà. L-attakk l-aktar innovattiv propost waqt din l-isfida kien l-użu tal-irtokk, u b'hekk sistema 2D li tirrikonoxxi l-uċuħ għarfet lill-parteċipant bħala l-utent leġittimu. Kontestanti oħra użaw b'suċċess metodi aktar komuni bħal ritratti, maskri jew marki tas-swaba foloz ("gummy fingers").

Dr Sébastien Marcel, koordinatur tal-proġett Tabula Rasa, qal: "Kien ikun impossibbli li twettaq tali riċerka fuq skala hekk kbira u bil-kollaborazzjoni ta' tant imsieħba minn madwar l-UE mingħajr investiment mill-Unjoni Ewropea. Minbarra apparat u informazzjoni aktar siguri, permezz ta' softwer aġġornat, il-kontroll tal-fruntieri u l-verifiki tal-passaporti se jkunu aktar effiċjenti u preċiżi. Nemmnu li se jkunu ħafna dawk l-organizzazzjonijiet li se jsibu din i-riċerka interessanti u utli, fosthom kumpaniji teknoloġiċi, uffiċċji postali, banek, produtturi ta' telefons ċellulari, kif ukoll fornituri tas-servizzi online."

Sabiex din ir-riċerka setgħet titwettaq bl-aktar mod estensiv, l-UE investiet €4.4 miljun, waqt li l-Konsorzju investa €1.6 miljun oħra.

Ryan Heath, il-kelliem responsabbli għall-Aġenda Diġitali u Teknoloġiji Diġitali tal-Kummissjoni Ewropea qal; "Ħafna minna jżommu informazzjoni personali u kunfidenzjali fuq smartphones u tablets. Għalhekk għandna jkollna moħħna mistrieħ li dawn l-għodod ta' sigurtà bijometrika jkunu tal-ogħla livell. Il-Kummissjoni Ewropea hija sodisfatti bis-suċċess ta' Tabula Rasa. Sal-lum ma' kien hemm ebda riċerka oħra li kisbet riżultati daqstant avvanzati fis-sigurtà bijometrika."